**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 149/2020 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**TA**

**Vs**

**GA**

**U b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2020 gew nominati Dr JP Bonnici u PL Peter Sammut bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentwa l-eredi mhux maghruf tad-defunt JM**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' TA datat 29 ta' Settembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi minn relazzjoni intima bejn l-intimata ommha GA u d-defunt JM twieldet l-esponenti TA li llum hija maggorenni;*

*Illi sfortunatament il-missier JM miet mewta tragika nhar it-3 ta' Settembru 2019*

*Dok A annes;*

*Illi huwa ma kienx ghadu rrikonoxxa lill-esponenti bhala bintu tant li hi giet dikjarata bhala missier mhux maghruf, Dok B anness;*

*Illi l-esponenti tixtieq tigi formalment rikonoxxuta bhal bint id-defunt;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna li jsiru t-testijiet biologici u tad-DNA fuq il-gisem u/jew fdal ta' JM okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici u fil-qasam;*

2. *Tiddikjara li d-defunt JM huwa l-missier naturali u biologiku tal-esponenti TA;*

3. *Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid tal-esponenti TA li jgib n-Numru X tas-sena Y mid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku fis-sens jigu sostitwiti l-kliem 'unkown father' bil-kliem 'JM'*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' GA, datata 3 ta' Novembru 2020, a fol 18, li taqra hekk:

*Li permezz taghha qed tiddikjara li hi omm ir-rikorrenti u tiddikjara li qed tammetti l-kawza kif proposta billi hi taf u taqbel li r-rikorrenti hija wild l-intimat JM.*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta' Dicembru 2020, a fol 24 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentata u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;*

2. *Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan sabiex jigi vverifikat jekk il-mejjet JM huwiex verament il-missier naturali ta' TA;*

3. *Illi f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponenti jitlob illi permezz ta' nota jigu pprezentati d-dettalji kollha necessarji tal-mejjet JM u cioe': (1) l-isem u kunjom, (2) id-dokument tal-Identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet TA, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija TA, (6) isem u kunjom missieru u (7) jekk l-imsemmi patern kienx ghadu haj meta twieldet TA. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid ta' TA;*

4. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi ghandu jigi wkoll deciz b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi r-rikorrenti TA;*

5. *Illi finalment u dejjem minghajr hsara ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi huwa m'ghandhux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Joseph P. Bonnici et. noe datata 11 ta' Dicembru 2020, a fol 28 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponent ma humiex eddotti mill-fatti u jirrizervaw minn issa li jipprezentaw risposti ulterjuri.*

2. *Illi l-esponenti jassoccjaw ruhhom mar-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

3. *Illi trid tigi ventilata u ezaminata l-azzjoni tar-rikorrenti li halliet it-trapass*

*ta' tant snin biex tiehu l-passi odjerni.*

4. *Salv risposti ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**GA, omm l-attrici xehdet nhar is-6 ta' Mejju 2021** ***(vide fol 36A et seqq.)*** u spjegat illi t-tifla taghha, (l-attrici) qieghda titlob li d-defunt JM jigi rikonoxxut bhala missierha. Tistqarr illi hija kienet mizewwga lil certu KB izda imbaghad kienu sseparaw 'il fuq minn sebgha u tletin (37) sena ilu. Illi, sussegwentement hija bdiet relazzjoni ma' JM u wara ftit xhur harget tqila bl-attrici bintha. Meta twieldet hasbet li jkun ahjar li jitnizzel *father unknown* fic-certifikat tat-twelid u dana peress li hija kienet tibza mir-ragel taghha. Tixhed illi JM qatt ma kien mizewweg. Ghalkemm hi u d-defunt JM ma baqghux jghixu flimkien sal-ahhar ta' hajtu, ir-relazzjoni taghhom damet tmien (8) snin pero' ma kienux jghixu fl-istess dar. Izzid illi l-attrici trabbiet taf li JM kien missierha, minn mindu kienet zghira, u li dan kien jafu kulhadd u li filfatt hut JM, li ghadhom hajjin, jafu b'dan kollu, fosthom iz-zija paterna tal-attrici.

**In kontro-ezami**, ix-xhud tiddikjara illi hija ma kelliex relazzjonijiet ma rgiel ohra ghajr dik ma' JM.

**NM xehed nhar il- 5 ta' Lulju 2021** ***(vide fol 39 et seq)*** u spjega illi huwa jigi hu l-mejjet JM u ghandu disgha u sittin (69) sena. Mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li jittiehed test tad- DNA tieghu, huwa stqarr li m'ghandux oggezzjoni. Jispjega illi jaf lill-attrici zghira u li kienet tkun ma huh Zeppi u jaf li l-attrici hija bint huh. Dak jafu ghaliex huh stess kien jghidlu li huwa kellu tifla u lill-attrici kien johodha minn dejjem id-dar u ommhom kienet tghidlu li kienet tixbah lilha.

**L-attrici TA xehdet nhar l-10 ta' Novembru 2021** ***(vide fol 47 et seq)*** u spjegat illi hija taf li hija bint JM u dana stante li hi dejjem mieghu kienet tkun minn meta kienet zghira. Stqarret kif ommha dejjem qaltilha li JM kien missierha izda ma kienux jghixu flimkien bhala familja. Izzid illi missierha kien m'ommha minn meta kienet zghira u minn dejjem kien imur ghaliha. Fil bidu li kienu flimkien, kienu johorgu flimkien u kienu jmorru l-ghalqa tieghu. Meta ommha u missierha

ma baqghux flimkien, JM kien baqa' jmur ghaliha u johrogha. Ma kienx hemm bzonn li ommha tghidilha minn kien missierha ghaliex hi kienet taf illi JM hu missierha. Tixhed illi JM dejjem gie prezentat lilha kemm minn ommha u anke mill-familjari ta' ommha bhala missierha u ma kienx hemm figura ohra f'hajjitha li gew prezentati lilha bhala missierha. Mistoqsija fuq il-kunjom, l-attrici tispjega illi hi ma tafx kif hi ggib il-kunjom A, il-ghaliex missierha kunjomu M. Tirrileva illi pero ommha kienet mizzewga lil certu C qabel ma kellha r-relazzjoni ma' JM. Filfatt dan C huwa missier hutha l-kbar. Illi eventwalment ommha kienet telqet lil CA u kienet ghamlet circa tmien (8) snin f'relazzjoni ma' missierha u cioe JM.

Tixhed illi l-familjari ta' missierha dejjem laqugha bhala bint huhom u filfatt oht missierha, Dolores, hija l-parrina taghha tal-maghmudija. Tispjega ukoll illi hu missierha, mizzewweg lil oht ommha. Fit-testimonjanza taghha tindika ukoll illi hija twieldet fit-18 ta' Dicembru tas-sena 1985 u li missierha kellu madwar Y sena (Y) u li meta twieldet hi huwa kien jghix man-nanna iz-Zejtun. Tixhed illi missier missierha (n-nannu patern) ma kienx haj meta twieldet u li dan kien jismu C.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi d-defunt JM, li gie nieqes nhar it-3 ta' Settembru 2019, jigi maghruf u ddikjarat bhala l-missier naturali tal-attrici TA li twieldet nhar it-18 ta' Dicembru 1985 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid *a fol 5* u li sal-llum il-gurnata hija ddikjarata bhala wild missier mhux maghruf.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***86A.(1) Il-ġenitur li wiled iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-ġenitur li ma wiledx, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex jigi stabbilit il-ġenitur li ma wiledx u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni tal-ġenitur li ma wiledx fl-atti tal-istat ċivili relattivi.***
>
> ***(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.***

Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."***[1]

Fil-proceduri odjerni, minhabba l-fatt li JM gie nieqes qabel ma gew intavolati l-proceduri odjerni, il-kampjuni genetici ttiehdu mill-attrici, minghand omm l-attrici, l-intimata GA u **minghand NM, li jigi hu d-defunt JM**. Illi kif rilevat minn Dr Marisa Cassar fl-affidavit u r-rapport taghha *a fol 40* tal-atti mit-testijiet genetici jirrizulta illi stante li: ***"The CAI of 248 and the Probability of Relationship of 99.5984% obtained in this case do not exclude that the brother of NM is the biological father of TA."***

Maghdud ma tali osservazzjonijiet, din il-Qorti rat ukoll illi l-intimata GA u cioe omm l-attrici, kemm fin-nota taghha, datata 3 ta' Novembru 2020, *a fol 18,* u kif ukoll *viva voce,* iddikjarat u kkonfermat illi hi taf u taqbel li l-attrici bintha u cioe TA hija wild JM. Illi x-xhieda ta' NM, u cioe hu id-defunt, li effettivament jigi z-ziju patern tal-attrici, bil-gurament tieghu ikkonferma illi huwa jaf lill-attrici bhala t-tifla ta' huh u li jafha bhala tali minn mindu kienet zghira.

Illi ghalhekk, wara li kkonsidrat ir-rizultanzi tat-testijiet genetici, ix-xhieda tal-attrici, dik ta' NM u ta' omm l-attrici, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li d-defunt JM kien effettivament il-missier naturali tal-attrici.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom, il-Qorti rat illi ma saret l-ebda talba da parti tal-attrici sabiex tassumi kunjom partikolari b'mod definittiv. Il-Qorti tosserva illi llum l-attrici ghandha Y(Y) sena, b'dana illi ormai ilha maghrufa bil-kunjom A ghal Y sena (Y) u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx illi jkun ghaqli li l-attrici tiehu kunjom iehor wara daqstant snin.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> ***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'dana kollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni meta kellha circa hamsa u tletin (35) sena, u kif xehdet hija stess *ex admissis* hija minn dejjem kienet taf li d-defunt JM huwa missierha. Dan jghodd ugwalment ghal ommha, l-intimata GA. Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-attrici u l-intimata GA ghandhom ibaghtu l-ispejjez tal-proceduri kollha, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi d-defunt JM huwa l-missier bijoloġiku tal-attrici TA imwielda f'Y lill-intimata GA;**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-attrici TA, innumerat X/Y fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tad-defunt JM detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru Z, imwieled iz-Zejtun u iben CM li kien mejjet fil-mument tat-twelid ta' TA, u li d-defunt JM meta twieldet l-attrici kellu Y sena, u kien residenti z-Zejtun;**

3. **Tordna, illi l-attrici ghandha tibqa magħrufa bil-kunjom A;**

**L-ispejjes, inkluzi dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, u tat-testijiet genetici ghandhom jigu divizi bejn l-attrici TA u l-intimata GA.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**